

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2014 – Romonta vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-614/13) <sup>(1)</sup>

*(Ambjent — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Regoli tranżitorji li jikkonċernaw l-allokazzjoni armonizzata ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas mill-2013 'l quddiem — Deċiżjoni 2011/278/UE — Miżuri ta' implementazzjoni nazzjonali ppreżentati mill-Ġermanja — Klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi — Libertà professjonali u libertà tal-intrapriża — Dritt għall-proprjetà — Proporzjonalità)*

(2014/C 395/58)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Romonta GmbH (Seegebiet Mansfelder Land, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Zenke, M.-Y. Vollmer, C. Telschow u A. Schulze, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. White, C. Hermes u K. Herrmann, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/448/UE, tal-5 ta' Settembru 2013, dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 240, p. 27), sa fejn l-Artikolu 1 (1) ta' din id-deċiżjoni jirrifjuta, għat-tielet perijodu ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet mill-2013 sal-2020, li jalloka lir-rikorrenti l-kwoti addizzjonali mitluba abbażi tal-klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi prevista fl-Artikolu 9(5) tat-Treibhausgas-Emissionshandelsgesetz (Liġi Ġermaniża fuq l-iskambji ta' drittijiet ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra) tal-21 ta' Lulju 2011.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Romonta GmbH għandha tbat i-ispejjeż relatati mal-proċeduri prinċipali u mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 31, 01.02.2014.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2014 – Molda vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-629/13) <sup>(1)</sup>

*(“Ambjent — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Regoli tranżitorji għall-allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet mill-2013 — Deċiżjoni 2011/278/UE — Miżuri ta' implementazzjoni nazzjonali ppreżentati mill-Ġermanja — Klawżola dwar il-każijiet li jqajmu diffikultajiet eċċessivi — Libertà professjonali u libertà tal-intrapriża — Dritt għall-proprjetà — Proporzjonalità”)*

(2014/C 395/59)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Molda AG (Dahlenburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Zenke, M. Y. Vollmer, C. Telschow u A. Schulze, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. White, C. Hermes u K. Herrmann, aġenti)